# QORTI CIVILI

# PRIM’ AWLA

## ONOR. MHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar il-Hamis 14 ta’ Gunju 2018**

**Rikors Numru : 592/2013/JPG**

**Kawza Numru: 19**

**Paul Debattista [ID Nru. 589439 M]**
**Vs**
**Horant Properties Limited [C 5602]**
**u b’digriet ta’ 5 ta’ Gunju 2014, giet kjamata in kawza is-socjeta’ Fal-con Limited.**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tas-19 ta’ Gunju 2013 li jaqra hekk:

*“Illi l-esponenti huwa l-proprjetarju ta' garaxx sitwat Valletta Road, Mqabba, filwaqt li s-societa' konvenuta hija l-proprjetarja ta' porzjoni diviza ta'art fabbrikabbli formanti parti mill-art maghrufa bhala "ll-Gardina", fl-istess triq;*

*Illi l-art fuq imsemmija kienet originarjament tappartjeni lill-istanti, li b'kuntratt tat-3 ta' April, 1996 itrasferiha lis-socjeta' Fal-Con Limited. Kienet din l-ahhar*

*imsemmija socjeta' li ghaddietha lis-socjeta' konvenuta b'kuntratt tat-12 ta' Gunju, 2001, kif ulterjorment korrett b'kuntratt tal-1 ta' Settembru, 2003;*

*Illi fil-kors tax-xoghlijiet li saru mis-socjeta' konvenuta fuq l-art imsemmija, l-istess socjeta' immuratlu t-tieqa tal-garaxx, u dan bi ksur tad-dritt ta' servitu' ta' apertura bid-destinazzjoni ta' missier il-familja, kif ukoll bi ksur tal-patt kontrattwali kif stabbilit fl-att imsemmi tat-3 ta' April, 1996;*

*Illi, inoltre, s-socjeta' konvenuta kkrejat servitu' ta' stillicidju bil-fatt tat-tisqifa imxaqilba versu l-garaxx proprjeta' tal-istanti bil-konsegwenti perkolazzjom ta' ilma tax-xita ghal fuq l-istess proprjeta';*

*Illi nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tottempera ruhha skond il-ligi hi baqghet inadempjenti;*

*Tghid ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta il-ghaliex m'ghandiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi bix-xoghlijiet li saru mis-socjeta' konvenuta din illedit lill-attur id-dritt ta' servitu' ta' apertura ta' tieqa li mill-garaxx fuq imsemmi taghti ghal fuq l-art zviluppata;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-istess xoghlijiet giet ikkostitwita servitu' ta' stillicidju li tolqot avversament il-garaxx tal-istanti;*

3. *Konsegwentement, tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa, din taghmel dawk ix-xoghlijiet rimedjali sabiex tigi eliminata l-lezjoni li saret fir-rigward tal-apertura tat-tieqa u bil-fatt tal-krejazzjoni ta' servitu' ta' stillicidju, kif hawn fuq ahjar imfisser;*

4. *Fin-nuqqas li s-socjeta' konvenuta tonqos milli taghmel dak lilha ordnat fiz-zmien koncess, l-attur ikun awtorizzat jaghmel hu stess ix-xoghlijiet rimedjali pertinenti a spejjes tas-socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju,2012, kontra s socjeta' konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent fir-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Horant Properties Limited tat-18 Lulju 2013 taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari fir-rigward tal-allegata servitu ta' apertura ta' tieqa, s-socjeta esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili stante li hi akkwistat l-art in kwistjoni b'kuntratt datat 12 ta'Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (***Dok HP1***), b'liema att l-art giet akkwistata bhala "libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, bil-pussess vojt" u inoltre imkien ma jissemma li kienet soggetta ghal xi servitu. Fil-kuntest ta' din l- eccezzioni, s-socjeta esponenti tirrileva li tali eccezzjoni hija applikabbli minkejja xi mala fede tal-awtur tas-socjeta esponenti in vista tal-artikolu 2142 tal-istess Kodici.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u in linea preliminari wkoll, s-socjeta esponenti titlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta awtrici taghha Fal-Con Limited (C5190).*

3. *Illi bla pregudizzju u fil-meritu, l-allegazzjoni tal-attur li s-socjeta eccipjenti kisret xi patt kontrattwali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex s-socjeta eccipjenti ma kenitx firmatarja tal-kuntratttat-3 ta' April 1996 citat mill-attur.*

4. *Illi s-socjeta eccipjenti tichad li kkreat xi servitu ta' stillicidju.*

5. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*<u>DIKJARAZZJONI</u>*

*Il-konvenut Grazio Patiniott nomine jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

1. *Illi s-socjeta minnu rapprezentata xtrat l-art in kwistjoni b'kuntratt datat 12 ta' Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar minghand Fal-Con Limited u mhux minghand l-attur.*

2. *Meta xtrat din l-art gie dikjarat li din kienet qed tinbiegh "libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, hil-pussess vojt". Inoltre fl-istess kuntratt ma jissemma mkien li l-art kienet soggetta ghal xi servitu.*

3. *Illi gialadarba l-esponent nomine ilu jippossjedi l-art b'titolu validu u in buono fede ghal iktar minn ghaxar (10) snin, l-attur ma jistax jattakkatali titolu bl-ebda mod, iktar u iktar, meta s-servitu ta' apertura allegata mill-attur lanqas tissemma fin-noti tal-insinwa.*

4. *Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li qed jissolleva l-esponent nomine, ma tista qatt tigi mittiefsa minn xi malo fede tas-socjeta Fal-Con Limited, li bieghetlu l-art, ghaliex jekk kien hemm xi mala fede miwt din is-socjeta, tali mala "fede ma tghaddix fis- successur taghha, cioe s-socjeta rappresentata mill-esponent.*

5. *Illi gjaladarba l-attur qed jallega ksur ta' patt kontrattwali b'riferenza ghall-kuntratt li hu ghamel ma Fal-Con Limited, f'liema kuntratt l-esponent nomine ma kienx firmatarju, l-esponent nomine jhoss li huwa vitali li din is-socjeta Fal-Con Limited tissejjah fil-kawza.*

6. *IIli in vista ta' dak fuq espost ghalhekk, la hu minnu li l-esponent nomine kiser xi patt kontrattwali u lanqas huwa minnu li l-attur igawdi xi servitu ta' apertura skont il-kuntratt ta' akkwist ta' l-art li ffirmat is-socjeta rapprezentata mill-esponent.*

7. *Illi l-esponent nomine wkoll jikkontesta l-allegazzjoni tal-attur li hu kkrea xi servitu ta' stillicidju mill-art in kwistjoni fuq il-propjeta tal-attur."*

Rat id-digriet taghha tal- 5 ta' Gunju 2014, a fol 46 et seqq.

Rat ir-risposta guramentata ta' Fal-con Limited (C5190) bhala socjeta kjamata in kawza datata 5 ta' Awwissu 2014, a fol 55 et seqq li taqra hekk:

*Illi s-socejta' Fal-Con Limited giet kjamata in kawza fuq talba tas-socjeta Horant Properties Limited;*

*Illi in linea preliminari, s-socjeta Fal-Con Limited ma hiex legittimu kontradittur u dan peress li hija ma ghamlet l-ebda zvilupp f'din il-proprjeta' imma hija ittrasferit l-art in kwsitjoni lis-socjeta' Horant Properties Limited;*

*Illi fuq is-servitu li allegatament gie miksur kif ukoll fuq d-dritt ta' l-istilicidju ta' l-ilma ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-esponenti stante li s-socjeta kjamata in kawza ma vjolat l-ebda servitu u ma jkkreat l-ebda dritt sitilicidju;*

*Illi qabel Horant Properties Limited akkwist minghand is-socjeta kjamata in kawza is-sit in kwistjoni, kien hemm diversi laqghat sahhansitra fuq il-post u ghaldaqstant jekk kien hemm dritt ta' servitu a favur ta' l-attur, is-socjeta intimata kienet f'pozizzjoni li tara u tivverifika b'ghajneha jekk dan kienitx il-kaz jew le;*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dan ghalkemm is-socjeta kjamata in kawza bieghhet biss sew u nonostante li fil-kuntratt ma giex stipulat li hemm dritt ta' servitu, l-esponenti kien informa lis-socjeta intimata rigward is-servitu tat-tieqa ta' l-attur;*

*Illi l-esponenti kienet ukoll infurmat lin-nutar li irrediga il-kuntratt b'tali servitu u kien biss bi zvista li ma ssemietx fil-kuntartt. Nonostante dan, l-fatt li s-servitu ma gietx imnizzla fil-kuntratt ma iffissirx li din is-servitu giet b'xi mod newtralizzata meta sar it-trasferiment tal-propjeta lill-intimata. Fil-fatt stante li din is-servitu hija fuq proprjeta immobbli tgawdi mid-dritt mgharuf bhala d-droit de suite;*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, it-talbiet ta' l-attur fil-konfront ta' l-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u  l-atti kollha tal-kawza;

Rat n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Paul Debattista** xehed a fol 26 *et seqq* illi huwa l-proprjetarju tal-garaxx in kwistjoni. Spjega illi apparti dan il-garaxx, huwa kien ukoll is-sid ta' bicca art kontigwa mieghu, bl-isem ta' 'Il-Giardina', li mbaghad huwa kien biegh lis-socjeta Fal-con Limited. Kompla li f'dan il-garaxx kien hemm tieqa li taghti ghal fuq din l-art. Xehed illi Fal-con Limited kienet imbaghad bieghet l-art lis-socjeta ntimata Horant Properties Limited, li kienet zviluppat din l-istess art, u kienet ukoll ghalqet it-tieqa msemmija bil-gebel. Zied li apparti minn hekk, Horant Properties Limited kienet kissret id-drenagg kollu, u meta bniet l-ewwel garaxx, il-pendil ghamlitu ixaqleb fuq genb wiehed u cioe' lejn il-garaxx tax-xhud. Qal illi b'konsegwenza ta' dan, il-garaxx tieghu jimtela bl-ilma meta taghmel ix-xita. Ikkonferma illi meta kien biegh l-art, it-tieqa tal-garaxx kienet ghada miftuha.

**Il-Perit Godwin Aquilina** xehed a fol 33 *et seqq* u kkonferma r-rapport maghmul minnu tat-2 ta' Awissu 2004 immarkat bhala Dok GA. Xehed illi l-ittra li huwa kien baghat kienet intbghatet meta kien ghadu kif beda x-xoghol fis-sit biswit il-proprjeta tar-rikorrent, klijent tieghu, u qal li filfatt kienet imbaghad inzammet laqgha mal-Perit Vella (Perit ta' Horant Properties) sabiex jigu diskussi xi problemi li kienu hemm. Xehed li dak iz-zmien kienu inkwetati rigward it-tieqa tal-garaxx tar-rikorrent peress li din it-tieqa fl-appogg, ma kienitx tidher fil-pjanti li kienu gew sottomessi lil MEPA. Kompla li fl-2007 kienet saret applikazzjoni ohra, u ghal darb'ohra, din it-tieqa ma kienitx tidher, u ghalhekk ir-rikorrent kien inkarigah sabiex jintavolaw oggezzjoni biex it-tieqa tkun murija. Ikkonferma wkoll problema ohra fir-rigward tal-izvilupp li kien sar, bil-holqien ta' servitu ta' stillicidju.

**In-Nutar Dr. Pierre Cassar** xehed a fol 69 *et seqq* illi fil-kuntratt li bih Fal-con Limited ittrasferiet lil Horant Properties Limited ma kienet issemiet l-ebda servitu. B'referenza ghal klawsola fil-kuntratt ta' akkwist ta' Fal-con Limited skont liema kellu ssir bitha nterna madwar it-tieqa li kien hemm fil-garaxx tar-rikorrent, xehed illi din il-klawsola ma kienetx giet insinwata, u ghalhekk m'ghandha l-ebda effett kontra terzi persuni. Qal illi huwa ma zammx kopja tal-konvenju li kien sar bejn is-socjetajiet intimati.

**In kontro-ezami** a fol 73 *et seqq* xehed illi hu ma jiftakarx illi fil-kuntratt ta' bejn ir-rikorrent u Fal-con Limited kienet issemiet il-kwistjoni tat-tieqa u tas-servitu.

**Joseph Falzon** xehed a fol 86 *et seqq* illi l-kumpanija tieghu, u cioe Fal-con Limited kienet xtrat bicca art minghand ir-rikorrent fit-3 ta' April 1996. Rigward il-kondizzjoni li jitwaqqa t-tarag ezistenti u tinbena bitha nterna madwar it-tieqa ezistenti, xehed illi huwa ma kienx zviluppa l-art, peress li kien biegh l-istess art, mhux zviluppata, lil Horant Properties Limited. Xehed illi qabel ma biegh l-art lil Horant Properties Limited, kien lahaq gab permess ghall-izvilupp u kien wera dan il-permess u l-pjanta lil Patiniott, u kien ukoll semmielu l-bitha nterna li kellha tinbena, u dan quddiem in-Nutar Pierre Cassar. **Qal illi meta xtrat l-art Horant Properties Limited, din it-tieqa kienet ghada miftuha u tidher. Xehed li din it-tieqa tidher fir-ritratt immarkat bhala Dok F1, liema ritratt kien hadu fit-8 ta' Gunju 1995.** Qal illi huwa cert li din il-**bitha nterna** ghall-ftuh tat-twieqi ezistenti **kienet issemiet ma' Horant Properties Limited**, u zied li kien spjega dan lil Patiniott fuq il-pjanta, u kienet anke ssemmiet fil-konvenju.

Xehed illi qabel kien sar il-konvenju ma' Horant Properties Limited, kien ta kopja tal-kuntratt li kien ghamel mar-rikorrent lin-Nutar Pierre Cassar u li ghalhekk hu cert li anke n-Nutar kien jaf fuq il-kwistjoni tat-tieqa. Xehed illi jaraha stramba li t-tieqa ma ssemietx fil-kuntratt ta' akkwist finali ta' bejn is-socjetajiet intimati peress illi kien imdorri jaghmel kuntratti ta' komprovenita ta' proprjeta mmobbli u ghalhekk kien joqghod attent, u kien jitkellem kieku ma semghax il-kwistjoni tat-tieqa tissemma fil-kuntratt. Zied illi cioe nonostante, Pationott zgur kien jaf biha t-tieqa ghaliex kien raha meta kienu marru fuq il-post.

**In kontro-ezami** a fol 90 *et seqq* qabel illi, kif jidher fir-ritratt immarkat F1 fil-garaxx kien hemm tieqa li taghti ghal fuq il-gnien li kien xtara hu. Xehed illi l-kumpanija tieghu ma kienet ghamlet ebda xogholijiet ta' zvilupp. Ikkonferma li skont il-kuntratt ta' komprovendita li sar bejn Fal-con Limited u r-rikorrent, kellha ssir bitha nterna biswit it-tieqa ghas-servizzi tad-drenagg. Qal li huwa ma kienx ghalaq it-tieqa tar-rikorrent bil-gebel.

**Riprodott** a fol 101 *et seqq* xehed illi n-Nutar ma kienx tah kopja tal-konvenju li kien sar bejn is-socjetajiet intimati. **Spjega li lil Patiniott kien tah pjanta li kienet**

**turi kif kellha ssir il-bitha nterna, liema pjanta giet esebita u mmarkata bhala Dok JFX2.** Xehed li ghalih fil-kuntratt li sar bejn is-socjetajiet intimati hemm zball jekk ma ssemietx din il-bitha nterna.

**Grezzju Patiniott, in kontro-ezami fuq ir-risposta guramentata,** xehed a fol 110 *et seqq* illi s-socjeta tieghu, Horant Properties Limited, kienet xtrat bicca art minghand is-socjeta Fal-con Limited. Muri l-kuntratt esebit a fol 21 qal li ma setghax jikkonferma li dan kien il-kuntratt peress illi ma jafx jaqra, izda kkonferma li kien hu li kien iffirma il-kuntratt ta' komprovendita. Xehed illi kien hemm zewg akkwisti minghand Fal-con Limited, billi l-ewwel giet akkwistata parti, mbaghad giet akkwistata parti ohra. Mistoqsi jekk kienx jaf li dik l-art kienet tar-rikorrent qabel ma ghaddiet ghand Fal-con Limited xehed li jista' jkun li kien jaf, pero ma kienx jinteressah. **Ikkonferma illi Joseph Falzon kien tah kopja tal-pjanta bil-permess li kien diga inhareg**. Zied illi pero huwa kien ghamel applikazzjoni gdida u ghalhekk l-izvilupp kien differenti.

Ikkonferma li kienet is-socjeta Horant Properties Limited li ghamlet l-izvilupp in kwistjoni. Spjega illi meta kien qieghed itella' l-garaxxijiet kienet ingibditlu l-attenzjoni li kien beda jinqaleb il-bini u kellu jdawwar il-via tal-garaxxijiet biex jinfed il-garaxx tar-rikorrent. Kompla li pero imbaghad kien hemm *enforcement action* u gie mwaqqaf milli jkomli jizviluppa ghaliex il-bini tal-garaxx tar-rikorrent qieghed fuq pilastri, u ghalhekk il-bini huwa perikoluz hafna, b'konsegwenza li ma kompliex jizviluppa l-arja ta' fuq il-garaxxijiet li bena. Qabel illi huwa kien prova jixtri l-garaxx minghand ir-rikorrent.

Mistoqsi sabiex jiddeskrivi l-garaxx xehed **"*Kien hemm forma ta' tieqa ma nafx kinitx tieqa jew le. Kien hemm apertura imma qatt ma kienet miftuha, qatt ma nfethet.*"** Mistoqsi x'ghamel lit-tieqa meta zviluppa l-art, xehed illli huwa **t-tieqa ma missiex u kull ma ghamel imbarraha sabiex ir-rikorrent ma jkunx jista' jiftaha.** Zied li dan ghamlu ghaliex fuq il-kuntratt tieghu m'ghandux twieqi mal-appogg u ghalhekk qabad u tela' bi dritt mal-appogg. Xehed ukoll illi ma jafx jekk kienx ra t-tieqa qabel il-kuntratt, ghaliex it-tieqa ra hu u jibni. Innega li l-perit tieghu qatt informah illi kien ircieva xi ittra minghand il-perit tar-rikorrent, **u qal li anzi lil perit tieghu qatt ma rah izjed wara li hareg il-permess**. Mistoqsi rigward il-pjanta li kien gie moghti minn Fal-con Limited, xehed illi hu ma kienx jinteressah mill-pjanta izda biss mill-kuntratt. Muri l-pjanta Dok JBX2, xehed illi huwa din il-

pjanta qatt ma ra, u zgur li ma jiftakarx li xi hadd gibidlu l-attenzjoni ghal dan ix-*shaft.*

Meta **rega** gie mistoqsi jekk kienx ra t-tieqa qabel ma sar il-kuntratt **wiegeb li t-tieqa kien ra** imma Falzon qatt ma kien gibidlu l-attenzjoni biex ihalliha miftuha. Mistoqsi kemm il-darba mar fuq il-post qabel ma sar il-kuntratt, wiegeb illi kien mar darbtejn, u meta rega gie mistoqsi biex jikkonferma jekk kienx ra t-tieqa wiegeb **"*Ejja nghidu li rajtha.*"** Mistoqsi jekk kellimx lir-rikorrent qabel ma qabad u ghalaq it-tieqa wiegeb **"*X'interess kelli jiena. Dak jiehu interess hu...*"** Ix-xhud semma illi kien kellem lil Falzon rigward it-tieqa qabel il-kuntratt, izda meta gie mistoqsi dwar dan qal illi ma jiftakarx x'diskors kien intqal. Mistoqsi kif mar jikkonsulta mal-kuntratt jekk qal li ma jafx jaqra wiegeb "*Setghet qratuli l-mara.*"

Mistoqsi rigward il-perkolazzjoni tal-ilma tax-xita xehed illi din taqleb ghan-naha tieghu u mhux ghan-naha tal-garaxx tar-rikorrent.

**Henry Falzon** xehed permezz ta' affidavit a fol 128 *et seqq* illi huwa azzjonista fi hdan is-socjeta kjamata in kawza flimkien ma' huh Joseph Falzon, u jiehu hsieb il-bejgh u x-xiri tal-proprjeta. Xehed illi s-socjeta kjamata in kawza kienet xtrat bicca art minghand ir-rikorrent. Xehed illi fuq in-naha tal-lemin ta' din l-art kien hemm garaxx kbir proprjeta tar-rikorrent, sottopost ghal mezzanin ta' terzi. Kompla li kien gie miftiehem illi kellu jinghalaq it-tarag li kien jaghti ghall-mezzanin, u kellha tinbena bitha nterna, li fuqha kellhom jifthu it-twieqi ezistenti, u cioe t-tieqa tal-garaxx u t-twieqi tal-mezzanin.
Kompla li eventwalment s-socjeta kjamata in kawza kienet giet avvicinata minn Grezzju Patiniott sabiex l-art tinxtara mis-socjeta ntimata, u kienu saru diversi laqghat, inkluz numru ta' laqghat fuq is-sit. Xehed illi hu u huh kienu wkoll kellmu lil Patiniott rigward il-pjanta li kienet giet approvata mill-MEPA u kien gibdulu l-attenzjoni ghall-bitha nterna li kellha ssir magenb il-garaxx tar-rikorrent. **Zied li filfatt din il-pjanta kienet giet mehmuza mal-kuntratt ta' komprovendita li kien sar.**

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-eccezjoni preliminari ta' Fal-Con Limited fis-sens li m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, il-Qorti taghraf illi l-presenza tas-socjeta

kjamata in kawza tista' tkun necessarja ghas-socjeta ntimata fil-kaz ta' eventwali decizjoni sfavorevoli ghaliha, jekk imbaghad tkun trid tintavola azzjoni fuq il-garanzija tal-pacifiku pussess kontra Fal-Con Limited.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi s-socjeta ntimata eccepiet preliminarjament fir-rigward ta' din is-servitu il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili stante illi hija akkwistat l-art fejn sar l-izvilupp in kwistjoni permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, f'liema kuntratt ma ssemma mkien li kien hemm xi servitu gravanti fuq il-proprjeta trasferiti, u li anzi l-proprjeta kien jiddeskrivi l-proprjeta bhala "*libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha"*

Is-servitu kostitwit f'apertura huwa wiehed apparenti u kontinwu.[1] Huwa applikabbli ghalhekk f'dan il-kuntest l-artikolu 457 tal-Kodici Civili, jipprovdi li, servitu apparenti u kontinwa tista' tigi kostitwita:

> **"*(a) bis-saħħa ta' titolu;***
> ***(b) bil-preskrizzjoni, jekk il-fond li fuqu jiġu eżerċitati jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni;***
> ***(ċ) bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi.*"**

Jirrizulta pruvat f'dan il-kaz illi z-zewg fondi relattivi, u cioe l-garaxx, u l-art bl-isem 'Il-Giardina", kienu t-tnejn proprjeta tar-rikorrent, qabel ma r-rikorrent biegh il-Giardina lil Fal-con Limited. Il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghall-artikolu 468 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:

> **"*Is-servitù tiġi stabbilita bid-"destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi", meta jiġi ppruvat illi ż-żewġ fondi, issa maqsuma,***

[1] **Edward Neame vs Louis Tabone,** Qorti tal-Appell deciza 4 ta' Mejju 1988; Video wkoll F. Bufalini, *Le Leggi del Fabbricatore,* Libro II, Appendice (Hoepli, 1891) "*Le servitù inoltre sono apparenti, quando si manifestano permezzo di opere esteriori o segni visibili, quali una porta, una finestra, un aquedotto…*" 56.

> ***kienu tal-istess sid, u illi kien dak is-sid li qiegħed jew ħalla l-ħaġa fl-istat li minnu titnissel is-servitù.”***

Dan l-artikolu isib l-ekwivalenti tieghu fil-Kodici Civili Taljan u anke fil-Kodici Civili Franciz, u ghalhekk huwa utli li ssir referenza ghall-insenjament tal-guristi u s-sentenzi tal-Qrati relattivi fuq din il-materja.
Fi kliem **Pacifici Mazzoni** fuq is-servitu kostitwita bid-destinazzjoni tas-sid originali:.

> ***"La destinazione del padre di famiglia e l'atto, con cui il propietario de' duo fondi stabilisce fra essi uno stato di cose, che costituirebbe una servitu, se appartenessero a proprietari differenti."***[2]

Kif intqal mill-**Corte di Cassazione Taljana:**

> "…***ai fini della costituzione della servitù per destinazione del padre di famiglia, è necessaria la sussistenza dell'opera di asservimento, visibile e permanente, nel momento dell'alienazione dei fondi da parte dell'unico originario proprietario.***"[3]

Il-Qorti rat illi skont ix-xhieda tar-rikorrent, it-tieqa in kwistjoni kienet diga ezistenti meta huwa kien biegh il-Giardina lil Fal-con Limited. Din ix-xhieda hija kkoroborata minn Joseph Falzon u Henry Falzon, azzjonisti tas-socjeta Fal-con Limited, illi t-tnejn ikkonfermaw li kienu raw it-tieqa qabel ma kienu xtraw l-art li mbaghad bieghu lil Horant Properties Limited, **u terga, illi kienet giet negozjata klawsola fil-kuntratt ta' komprovendita taghha sabiex jinfetah *shaft* biex jghaddu is-servizzi tad-drenagg u biex ghal fuqu jinfethu it-twieqi ezistenti, inkluz it-tieqa tal-garaxx tar-rikorrent**. Minn naha tieghu, Grezzju Patiniott, direttur tas-socjeta ntimata Horant Properties Limited, ghalkemm inizjalment innega illi kien ra din it-tieqa qabel ma xtara l-art maghrufa bhala il-Giardina, (u qal illi kien ra biss forma ta' tieqa, li ma jafx jekk kienetx tieqa jew le), sussegwentement, meta rega gie mistoqsi, ikkonferma darbtejn illi kien ra din it-tieqa qabel ma xtara l-

---

[2] E. Pacifici Mazzoni, Codice Civile Commentato, Libri Secondo, Volume Terzo (Milano 1866) 154.
[3] **E.F.I.M. Edile Finanziaria Immobilare s.r.l. vs Cocconi Adeleide et,** Corte di Cassazzione 17301-2013, deciza 3 ta' Ottubru 2017

art, u li sahansitra din it-tieqa kienet anke suggett ta' diskussjoni bejnu u bejn ir-rapprezentanti ta' Fal-con Limited. **Il-Qorti rat illi inoltre, l-ezistenza ta' din it-tieqa qabel il-bejgh mir-rikorrent lil Fal-con Limited hija wkoll ikkonfermata mir-ritratt esebit a fol 94, li kien ittiehed minn Joseph Falzon, u li l-istess Falzon ikkonferma bil-gurament tieghu illi juri li, bhala stat ta' fatt, din it-tieqa tal-garaxx kienet diga tezisti fiz-zmien meta xtrat il-proprjeta il-kumpanija tieghu.**

Ghalhekk jirrizulta bic-car illi gialadarba l-garaxx u l-Giardina kienu originarjament fond wiehed proprjeta tar-rikorrent, u li dak iz-zmien kienet diga tezisti it-tieqi in kwistjoni, meta giet mifruda l-proprjeta, u cioe meta giet mibjugha l-Giardina mir-rikorrent lil Fal-con Limited, **twieldet din is-servitu ta' tieqa li giet kostitwita bid-destinazzjoni tas-sid taz-zewg fondi.**

Fir-rigward tal-argument illi din is-servitu ma gietx imsemmija fil-kuntratt t'akkwist ta' Horant Properties Limited, il-Qorti tirrileva illi dan in-nuqqas ma joffri ebda difiza jew konfort lil Horant Properties Limited ghaliex il-fatt li l-kuntratti ta' l-akkwist tal-partijiet ma jaghmlu ebda riferenza ghas-servitu' hija irrilevanti, **in kwantu li s-servitu' fil-kaz odjern gie kostitwit bid-destinazzjoni tas-sid originali.**[4]

Kif jghallem **Bufalini:**

> **"*Se il proprietario di due fondi, fra i quali esiste un segno apparente di servitù, dispone di uno dei due fondi, senza che il contratto contenga alcuna convenzione relativa alla servitù, essa continua ad esistere attivamente o passivamente in favore del fondo alienato o sopra il fondo alienato.*"**[5]

Bl-istess mod, **Parnessus** jghid dwar is-servitu kostitwita bid-destinazzjoni tas-sid originali illi:

> "*La destinazione del padre di famiglia vale per titolo riguardo a certe servitu* [konformi ghall-artikolu relattiv fil-Kodici Civili

[4] **Emanuel Mifsud et vs Pierre Galea et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fis-16 ta' Jannar 2014.
[5] F. Bufalini, *Le Leggi del Fabbricatore*, Libro II (Hoepli 1891) 223.

Franciz, li hu ekwivalenti ghal dak fil-Kodici Civili Taljan u fil-Kodici Civili Malti fir-rigward ta' din it-tip ta' servitu]

[...]

***Se in seguito, questi fondi verrano ad appartenere a differenti padroni, sia per effetto di alienazione, o di disposizione che ne facesse il proprietario, o di una divisione tra suoi eredi, il servizio che l'uno fondo aveva dall'altro e che era destinazione del padre di famiglia quando appartenevano al medesimo, diviene una servitu dopocche essi sono di due proprietari differenti.***

[...]

***Se il proprietario di due fondi tra quali esisteva un segno appartenente di servitu, ne alieni uno senzacche in contratto contenga alcuna convenzione relativa a siffatto stato li luoghi, desso continua...ad esistere attivamente o passivamente in favore del fondo alienato, o sopra di esso*.**"[6]

Il-fatt illi servitu kostiwita bid-destinazzjoni tas-sid originali tal-fond m'hemmx bzonn tirrizulta minn kuntratt, jinsab konfermat bl-aktar mod car mis-sentenza fl-ismijiet **Giulio Ventura vs RFI Rete Ferroviaria Italia SPA** deciza mill-Corte di Cassazione Taljana. Fuq precizament din il-materja, dik il-Qorti kellha tiddeciedi jekk dikjarazzjoni ta' servitu maghmula f'kuntratt mis-sid originali, kienetx merament rikonferma tal-istat ta' fatt ta' servitu li giet in esitenza bid-destinazzjoni tas-sid originali, jew jekk il-partijiet kienux qed joholqu servitu ohra:

***"...quando - nell'alienare i fondi, tra i quali sussiste una situazione di asservimento corrispondente ad una determinata servitù (attiva o passiva) - l'unico proprietario dichiara di vendere i fondi stessi mantenendo ferma quella medesima condizione di asservimento, occorre interpretare la volontà dei contraenti, per accertare se, con quella dichiarazione, si sia***

---

[6] J. M. Pardessus, *Trattato Dell Servitu Praediali*, Versione Italiana (Napoli, 1830) 267 – 268.

> ***inteso soltanto riconfermare la permanenza della situazione di fatto, atta a determinare, con la separazione dei fondi, il sorgere della servitù per destinazione del padre di famiglia o se invece si sia inteso, indipendentemente da ciò, stabilire una nuova servitù, sulla base della convenzione intervenuta tra le parti…"*** [7]

Fl-istess sentenza appena citata gie wkoll konfermat illi il-kostituzzjoni ta' servitu bid-destinazzjoni ta' sid il-fond hija ***opis legis*** mas-separazzjoni taz-zewg fondi mis-sid originali, u li tali servitu ma tinholoqx biss jekk, mas-separazzjoni taz-zewg fondi, is-sid originali **jeskludi** l-holqien ta' din is-servitu bil-miktub:

